MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 300/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Calleja)**
**Vs**
**Tarcisio Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, partikolarment f'Tas-Sliema, fil-lejl ta' bejn is-16 u 17 ta' Novembru 2003, u matul ix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' estera;
2) Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew local iehor

jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali;
3) bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond bl-isem Berkley Hotel, Triq Guze Howard, Sliema xjentement ta b’kiri, jew ippermetta l-uzu ta’ dan il-post ghal skop ta’ prostituzzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Lulju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 8 tal-Kap. 63 sabet lill-appellant mhux hati ta’ l-ewwel akkuza w tat-tielet akkuza illi minnhom illiberatu w sabitu hati tat-tieni akkuza w ikkundannatu ghal sena prigunerija w multa ta’ €450.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjoni, filwaqt li tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza w minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, alternattivament tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ghal piena mposta, billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa q gusta ghall-fatti speci tal-kaz.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti, u dan peress illi minn l-atti processwali minn imkien ma rrizulta illi l-appellant zamm jew ezercita jew kellu sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell ai termini tal-ligi nostrana, fi kliem iehor illi huwa kellu f’idejh l-amministrazzjoni ta’ din il-lukanda, in kwantu parti minnha kienet tintuza ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni.

Illi ma ngabet ebda prova fis-sens illi huwa zamm jew ezercita jew kellu sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell, u dan peress illi t-tfajliet prostituti kollha qalu illi l-

appellant bl-ebda mod ma kien involut f'dak illi kienu qed jaghmlu. Fil-fatt, mix-xhieda rrizulta ili apparti mill-fatt illi l-appellant qatt ma nghata flus minn dan il-qliegh, (fil-fatt huwa gie liberat mill-akkuza illi huwa kien qed jghix mill-qliegh tal-prostituzzjoni). L-appellant qatt ma kien b'xi mod il-link bejn it-tfajliet u l-irgiel illi kienu jinqdew bis-servizzi taghhom. Mill-provi ma rrizultax illi kien l-appellant illi tahom il-kmamar li kienu fihom. L-appellant kien impjegat f'din il-lukanda li ma kienitx tintuza ghal dan l-iskop biss.

Illi s-sentenza li tat l-Ewwel Qorti fil-konfront tieghu hija fis-sustanza taghha kunfligenti u dan peress illi filwaqt illi huwa gie liberat mill-ewwel imputazzjoni, ossia illi ghex mill-qliegh ta' prostituzzjoni, instab hati tat-tieni akkuza, ossia illi zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell. Huwa kemm xejn inverosimili illi persuna jiehu riskju bhal dak li jmexxi burdell, minghajr ma jaghmel qliegh igifieri b'xejn.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva stante illi giet imposta fuqu piena karcerarja effettiva ta' sena, w ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost, l-appellant jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa w gusta.
Illi seta jinghata piena ta' prigunerija sospiza flimkien mal-multa, w dan peress illi l-artikolu 8(1) tal-Kap. 63, ksur ta' liema huwa nstab hati, ma jiddisponiex illi ma tistax tinghata terminu ta' prigunerija sospiza, bhala nghidu ahna fil-kaz ta' traffikar ta' droga, fejn f'kaz ta' sejbien ta' htija, l-piena trid tkun bilfors wahda ta' habs effettiv.

Illi t-trapass taz-zmien f'dan il-kaz, huwa certament wiehed mill-fatturi principali illi ghandu wkoll iservi ta' attenwanti, w dan peress illi dan l-istess trapass taz-zmien zgur li ma kienx minhabba xi nuqqas attribwibbli lill-appellant innifsu.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur

serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in *toto* Jew in parti kkagunat jew provokat minnu stess – kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghha jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi bejn il-lejl tas-16 u 17 ta' Novembru 2003 il-Pulizija ghamlu tfittxija fil-fond maghruf bhala Berkley Hotel, tas-Sliema, fejn hemmhekk instabu tfajliet barranin u cioe' Olexandra Stepanenko, Tatiana Montak, Lena Lamova w Tonika Vescova Ilieva, fejn kollha ammettew illi f'xi hin jew iehor kienu qed jipprostitwixxu ruhhom fil-lukanda msemmija.

Irrizulta wkoll illi l-appellant Tarcisio Agius kien Manager tal-lukanda. Mal-bank tar-“reception” irrizulta illi kien hemm “bleeper” illi kien ikkomunikat ma kmamar illi kienu intuzati mit-tfajliet, ghad illi l-“bleeper” ta' kamra minnhom ma kienitx tahdem. Fil-bieb tal-lukanda kien hemm persuna ohra Stephen Perren illi kien jagixxi ta' “security” u jzomm il-bieb maghluq.

L-appellant qal illi kien jithallas hamsin lira fil-gimgha (LM50) bhala Manager tal-fond u kien jaghmel ukoll xoghol ta' “cleaner” u ta' kok.

Ma rrizultax illi l-appellant ha xi flus jew ghamel xi forma ta' qliegh jew ha vantagg mill-attivita' tat-tfajliet fuq imsemmija.

Kien ghalhekk illi l-Ewwel Qorti lliberatu mill-ewwel u t-tielet akkuza izda sabitu hati tat-tieni akkuza w cioe' li zamm jew ezercita' jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdel jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom illi huma frekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghall-skop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra immorali.

L-Ewwel Qorti sabet illi l-appellant kellu sehem f'lokal jew f'parti minnu illi kien iffrekwentat ghall-skop ta' prostituzzjoni.

L-appellant pero' qed jargumenta illi ma kienx hemm provi ta' dan. Il-fatt illi huwa kien qed jahdem fil-lukanda ma kienx ifisser li kien qed imexxi l-burdel u anki jekk l-appellant kien jaf x'kien qed isir ma jfissirx illi kien partecipi f'din l-attivita' w it-tfajliet qalu illi dejjem avvicinaw l-irgiel wahedhom u qatt tramite l-appellant.

Id-difiza ghamlet referenza ghax-xhieda ta' Pierre Paul Portelli a fol. 142 tal-atti pero' din ix-xhieda hija "hearsay" u ma tistax tigi kkunsidrata kif lanqas ma kkunsidrata l-Ewwel Qorti.

Pero' d-difiza fis-sottomissjonijiet taghha argumentat illi ma kienx hemm prova li l-appellant kellu xi "management role" fil-lukanda jew kellu xi sehem attiv fit-tmexxija tal-lukanda.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti jidhrilha illi dan l-ahhar argument ma jreggix. Irrizulta ampjament li l-appellant kien jaghmel kull tip ta' xoghol fil-lukanda. Kien "manager", barman", "cleaner", "receptionist", tista' tghid kellu "a one man show" u filwaqt illi huwa minnu ili ma kellux sehem attiv fl-esercizzju tal-prostituzzjoni w jista' jkun ukoll illi ma rrceviex flus minn din l-attivita' pero' l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi kien konxju ta' dak li kien qed isir.

L-attivita' ma kienitx xi haga okkazzjonali izda kienet ilha ssir xi zmien liema fattur kien determinanti f'mohh il-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni illi l-appellant kien jaf, jew almenu messu kien jaf, ta' dak illi kien qed isir fil-lukanda, ghad illi ma kienx partecipi direttament f'dik l-attivita'. Ghalhekk l-operat tieghu jinkwadra fis-shih fit-tieni akkuza w rrizulta ampjament pruvat illi kellu sehem flimkien ma ohrajn f'lokal li kien iffrekwentat jew maghdud bhala illi huwa ffrekwentat ghall-iskop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet immorali ohra.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha, f'liema kaz allura l-ewwel sentenza m'ghandix tigi censurata.

Kif ghalmet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri" [28.04.1995] "hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha".

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u waslet ghall-konkluzzjoni li mill-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------